MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 587/2010

**GO p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Jason Magro**
**I.D.106982-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ mitejn u wiehed u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€281.52c), liema ammont huwa dovut lis-Socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz *21807142 (AC 40076259)*.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' *Dok. A, B u C*.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€281.52c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------